



KIF TFITTEX GĦAS-SĦAB: PUNTI EWLENIN MILL-WEBINARS

Dan id-dokument juri r-rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar it-tiftix għas-sħab ixxerjati matul il-webinars tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-rakkomandazzjonijiet huma miġburin skont is-suġġetti u huma meħudin minn dan il-webinar:

- [Webinar “Kif tfttex sħab”, 2018](#)

Tagħlimiet ewlenin

1. Biex titnieda inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, għandu jitwaqqaf grupp ta' organizzaturi b'mill-inqas seba' membri residenti f'7 Stati Membri differenti tal-UE.
2. Huwa kruċjali li jkun hemm biżżejjed sħab sabiex tiġi implimentata kampanja ta' suċċess u jinġabru l-firem. L-organizzaturi m'għandhomx iżommu lura milli jikkuntattjaw organizzazzjonijiet sħab possibbli kmieni kemm jista' jkun.
3. Is-sħab nazzjonali huma fundamentali għas-suċċess ta' kampanja. Filwaqt li huwa tajjeb li jkun hemm network Ewropew kbir, is-sħab nazzjonali huma l-akbar għajjnuna biex jinġabru l-firem fuq il-post.

Punti rilevanti oħra

Skeda

- Biex tfttex għas-sħab, huwa kruċjali li l-organizzazzjonijiet fi Stati Membri oħra jiġu kkuntattjati kmieni kemm jista' jkun. Huwa importanti li r-responsabbiltajiet jiġu definiti b'mod ċar bejn is-sħab.
- Huwa importanti li tinkiseb stampa realistika tal-kapaċitajiet li għandhom is-sħab u kif jistgħu jappoġġjaw l-inizjattiva fl-Istati Membri differenti.
- L-organizzazzjonijiet għandu jkollhom l-għanijiet tagħhom definiti sew mill-bidu nett.
- Huwa importanti li jkun hemm biżżejjed riżorsi biex titmexxa kampanja ta' suċċess minn stadju bikri.

Tipi ta' sħab

- Is-sħab jistgħu jkunu intermedjarji (simpatetiċi), sponsors, influwenzaturi (politiċi, ċelebritajiet) u voluntiera.
- Il-karatteristiċi ewlenin tas-sħab għandhom ikunu: varjati, numerużi, proattivi, mifruxin mal-UE kollha.
- Tista' tkun strateġija tajba li jiġu avviċinati l-MPE biex tgħidulhom dwar l-inizjattiva u x'qed tfttxu li tiksbu.
- Hija sfida li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-għoti tas-setgħa lill-kampanji lokali sabiex ikollhom sjieda fuq il-kampanja tagħhom u l-koordinazzjoni tal-kampanja b'mod ċentrali.
- L-organizzaturi għandhom jibnu alleanza ta' madwar 100 organizzazzjoni li jimpenjaw ruħhom li jikkontribwixxu għall-ġbir tal-firem.

Interazzjoni mas-sħab





- Il-membri kollha tal-grupp tal-organizzaturi għandhom ikunu affidabbli ħafna.
- L-organizzaturi għandhom joqogħdu attenti ħafna fl-użu tal-logos. Huma għandhom japplikawhom biss meta l-appoġġ ta' organizzazzjoni speċifika jkun definittivament assigurat.

